MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 706/1986/1

**L-Avukat Dottor Max Ganado bhala prokuratur specjali ta’ Athos-Mar Shipping Company Limited in rappresentanza tal-istess**

**vs**

**L-Avukat Dottor Siegfried Borg Cole**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ippremetta:

Illi huwa kien l-proprjetarju tal-bastiment ALEX G liema vapur kien registrat taht il-bandiera ta’ Malta u peress li f’Dicembru 1983 dan il-vapur inkalja hdejn il-Grecja u kien “total loss”. Is-socjeta’ attrici ghamlet claim mal-assigurazzjoni tal-vapur u peress li dawna ma accettawx il-claim bhalissa hemm proceduri pendenti fl-Italja. U

peress li il-Protection and Indemnity Club, il-West of England, tal-bastiment accettat claim minghandha u irrimettiet is-somma ta' USD29450 Malta fil-kont tas-socjeta' mizmum mill-Bank of Valletta;

Illi l-konveut kien l-Avukat tas-socjeta attrici u kien inghata xi ishma fil-kumpanija anki inhatar direttur tal-istess socjeta' flimkien ma' M. Dimitrov li kien jirrapresenta lill-azzjonista ewlieni tas-socjeta' Metimpex International S.A. Dana jidher car mill-annessa kopja ufficjali tal-Memorandum and Articles of Association ta' Athos Mar Shipping Limited (DOK A);

Illi xi zmien wara il-claim tas-socjeta' attrici mal-Protection and Indemnity Club kellha tigi rikonsidrata sabiex jithallas ammont akbar bhala kumpens u l-attur noe intalab jibghat lura is-somma ta' disgha u ghoxrin elf, erbgha mija u hamsin dollari amerikani (USD 29,450) li kienet intbaghtet;

Illi dan l-ammont gie rtirat mill-konvenut mill-kont tas-socjeta' attrici u dana minghajr ma kien inghata istruzzjonijiet jew minghajr ma kien awtorizzat biex jaghmel dan u meta id-Direttur l-iehor tas-socjeta' attrici tah istruzzjonijiet sabiex jibghat dawn il-flus lura il-konvenut addirittura irrifjuta ghar-ragunijiet li ma kellhomx x' jaqsmu mal-attur nomine;

Illi fil-24 ta' April 1985 wara hafna rikjesti sabiex dan l-ammont jintbaghat lura ghax is-socjeta' kienet qed issofri id-danni il-konvenut tnehha minn direttur tas-socjeta' kif jidher mill-annessa kopja ta' dokument tad-Dipartiment tas-Socjetajiet Kummercjali (Dok B);

Illi ghalkemm saru hafna trattativi u rikjesti lill-konvenut dana xorta wahda irrifjuta li jibghat din is-somma lura illegalment. U peress li din is-somma hija proprjeta' tal-attur noe, u l-attur qieghed izommha minghajr ebda dritt u hu obbligat ihallasha lill-attur noe u peress illi d-danni kbar sofferti mill-attur noe huma l-konsegwenza immediata u diretta tal-fatt li l-attur noe gie imtellef l-uzu ta' flusu u

ghalhekk d-danni ripetibili huma izjed mill-interessi skond il-ligi;

Ghalhekk l-attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti: -

1. tikkundannah jirritorna immedjatament din is-somma flus lill-attur noe ammontanti ghal disgha u ghoxrin elf, erbgha mija u hamsin dollari amerikani (USD 29,450) jew l-ekwivalenti f'liri maltin fid-data tal-pagament effettiv;

2. tiddikjarah responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir illegali tieghu;

3. tillikwida l-ammont ta' dawn id-danni sofferti u,

4. tikkundanna lill-konvenut jhallas dan l-ammont ta' danni hekk likwidati;

- u dana kollu ghar-ragunijiet premessi

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' April 1986 u tal-mandat ta' sekwestru Numru 553/86 u bl-imghaxijiet legali kontra il-konvenut li gie ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

In linea preliminari in nullita tac-citazzjoni peress li l-attur ma ghamel l-ebda talba fl-istess citazzjoni;

Minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in linea preliminari in-nullita tan-notifika tac-citazzjoni peress li c-citazzjoni notifikata lill-konvneut ma ghandiex l-ebda talba;

In linea preliminari wkoll l-attur irid jipprova l-mandat tieghu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Frar 1987 minn fejn jirrizulta li l-konvenut iddikjara li fil-mori tal-kawza huwa gie notifikat mill-gdid skond il-ligi u ghalhekk kien qed jirtira l-ewwel eccezzjoni tieghu u inoltre rriserva li jghamel eccezzjonijiet uletrjuri dwar il-meritu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit li fil-meritu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Rat in-nota tal-konvenut a fol.38 li biha huwa kkjarifika l-eccezzjoni ulterjuri tieghu u cioe' :-

(1) parti mill-ammont meritu tal-kawza kienu dovuti lill-esponenti mill-istess socjeta attrici;

(2) ghar-rigward ta' l-ammont kollu dovut, fi kwalunkwe kaz, l-esponenti kien awtorizzat specifikatament minn Metodi Dimitrov ghan-nom tas-socjeta li jithallas mill-claim tal-vapur id-drittijiet u spejjes kollha tieghu u cioe kemm dawk dovuti lilu ghall-servizzi resi lis-socjeta attrici u kemm dawk ghall-servizzi resi lill-istess Dimitrov personalment u lid-diversi socjetajiet l-ohra;

(3) fi kwalunkwe kaz ukoll, l-esponenti fir-relazzjonijiet tieghu in materja dejjem kellu x';jaqsam primarjament u dejjem agixxa skond dak miftiehem ma l-imsemmi Dimitrov f'ismu propju u bhala rappresentant tas-socjeta Metimpex International S.A.;

(4) illi b'referenza ghall-ammont meritu tal-kawza l-esponenti jirrileva li dan hu fil-fatt anqas mill-ammont dovut lilubhala drittijiet u spejjez kif spjegat fil-paragrafu 2;

(5) illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti kellu d-dritt jagixxi bil-mod kif agixxa in virtu' tal-poteri illimitati konferiti lilu bhala direttur ghall kull haga li kien hemm bzonn issir hawn Malta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mis-socjeta attrici u lill-konvenut;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippremetti li hi kienet proprjetarja tal-bastiment ALEX G li f'Dicembru 1983 inkalja hdejn il-Grecja u kien dikjarat "total loss". In vista tal-imsemmi incident, socjeta assikuratrici estera irrimettiet is-somma ta' disa u ghoxrin elf erba mija u hamsin dollari amerikani ($29450) fil-kont tas-socjeta' attrici f'bank lokali malti. Tippremetti ukoll li l-konvenut kien l-konsulent lagali tas-socjeta attrici, kellu xi ishma fl-istess socjeta u kien ukoll direttur taghha flimkien ma' certu Metodi Dimitrov, li kien in effett jirrapresenta lill-azzjonista ewlieni tas-socjeta' cioe' s-socjeta estera Metimpex International S.A. Xi zmien wara s-socjeta' attrici intalbet tibghat lura l-imsemmija somma f'dollari amerikani peress li seta kien hemm rikonsiderazzjoni u ghalhekk jithallas kumpens akbar. Skond is-socjeta attrici fil-frattemp pero' l-konvenut irtira l-istess ammont mill-imsemmi kont tas-socjeta' attrici u dana minghajr ma kien inghata istruzzjonijiet jew minghajr ma kien awtorizzat biex jaghmel dan u meta l-imsemmi direttur l-iehor kien ta struzzjonijiet sabiex il-flus jinbghatu lura. Il-konvenut irrifjuta li jibghat lura l-flus u dana ghar-ragunijiet estranei ghas-socjeta attrici. Fl-24 ta' April 1985 il-konvenut tnehha minn direttur. Il-konvenut kompla jirrifjuta li jibghat lura s-somma in kwestjoni. Peress li s-socjeta attrici tippretendi li s-somma in kwestjoni hi proprjeta' taghha u peress li l-konvenut qed izomm l-istess somma minghajr ebda dritt u peress li s-socjeta attrici sofriet danni kbar bhala konsegwenza ta' dan kollu, s-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kundannat ihallas lura is-somma in kwestjoni u li jigi

dikjarat responsabbli ghad-danni kollha konsekwenzjali, li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut eccepixxa preliminarjament in nullita tac-citazzjoni peress li s-socjeta attrici ma ghamlitx talba fl-istess citazzjoni u n-nullita tan-notifika tac-citazzjoni peress li c-citazzjoni notifikata lill-konvneut ma ghandiex l-ebda talba. Il-konvenut eccepixxa ukoll li l-attur irid jipprova l-mandat tieghu. Dwar din l-ahhar eccezzjoni giet esibita prokura (fol.17) li tikkonferma li l-attur nomine nghata l-mandat biex jghamel dawn il-proceduri. Il-konvenut irtira l-eccezzjoni tan-nullita' peress li kif iddikjara huwa stess fil-mori tal-kawza huwa kien gie notifikat mill-gdid skond il-ligi. Fil-meritu l-konvenut eccepixxa li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Il-konvenut ikkjarifika (a) li parti mill-ammont meritu tal-kawza kienu dovuti lilu mis- socjeta attrici, (b) li l-imsemmi direttur l-iehor kien awtorizzah jithallas id-drittijiet u spejjes kollha dovuti lilu kemm ghall-servizzi resi lis-socjeta attrici kif ukoll ghall-servizzi resi lill terzi u cioe lid-direttur l-iehor personalment u lis-socjeta estera azzjonista maggioritarja tas-socjeta attrici, (c) li dejjem agixxa skond dak li kien miftiehem ma l-imsemmi Dimitrov f'ismu propju u bhala rappresentant tal-imsemmija socjeta estera, (d) li s-somma in kwestjoni hi anqas mill-ammont totali dovut lilu bhala drittijiet u spejjez u (e) li huwa kellu d-dritt jagixxi kif agixxa in virtu' tal-poteri illimitati konferiti lilu bhala direttur;

Mill-provi kollha prodotti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenut li s-somma in kwestjoni ntbghatet fil-kont tas-socjeta attrici ma bank lokali, li l-konvenut irtira l-istess somma mill-imsemmi kont u li huwa qed jirrifjuta li jhallas lura l-istess somma lis-socjeta attrici. In effett il-konvenut stess ammetta li huwa rtira u zamm ghandu s-somma in kwestjoni. Jirrizulta li l-konvenut qed jirrifjuta li jirrifondi dawn il-flus ghaliex ghandu pretenzjonijiet dwar ammonti ta' drittijiet u spejjez allegatament dovuti lilu

minghand is-socjeta attrici u minn terzi cioe socjeta ohra u l-imsemmi direttur l-iehor personalment;

Mill-provi jirrizulta li z-zewg diretturi tas-socjeta attrici u cioe' l-imsemmi Metodi Dimitrov u l-konvenut kienu l-firmatarji ghar-rigward tal-kont tal-istess socjeta attrici ma bank lokali. Jirrizulta ukoll li kull wiehed minnhom seta wahdu jisbanka u jghamel kull operazzjoni bankaraja ohra. F'dokumenti ufficjali tas-socjeta attrici l-imsemmi Dimitrov gie deskritt bhala c-"chairman" filwaqt li l-konvenut gie deskritt bhala s-"segretarju";

Jidher ghalhekk li l-konvenut kien debitament awtorizzat li jirtira s-somma in kwestjoni u dana bhala wiehed mid-diretturi tas-socjeta attrici. Konsegwentement huwa seta jghamel it-transazzjoni li saret. Zgur li ma jistax jinghad li l-konvenut irregolarment u indebitament irtira l-ammont in kwestjoni. Ma jirrizultax sufficjentement jekk inghatawx struzzjonijiet lill-konvenut u x'kienu effettivament dawn l-istruzzjonijiet. Konsegwentement ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li l-konvenut indebitament zamm ghandu s-somma in kwestjoni. F'dan ir-rigward jigi puntwalizzat li l-konvenut isostni li d-direttur l-iehor kien jaf b'dak kollu li kien sehh wara li s-somma in kwestjoni giet ricevuta hawn Malta. Konsegwentement ukoll ma hemm ebda danni li ghandhon jigu likwidati;

Fid-dawl ta' dan kollu il-pretensjonijiet u t-talbiet attrici ma jirrizultawx suficjentement pruvati u b'hekk l-istess tablet ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------